**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 15 ta' Settembru, 2021**

**Rikors Revoka Nru: 550/2021 AF**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni 406/21 fl-ismijiet:

**Godwin Cutajar u Jeanette Cutajar**

**vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**u**

**Harbour Management Limited (C-29326)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Harbour Management Limited li permezz tiegħu ghar-ragunijiet moghtija din il-Qorti ntalbet sabiex tordna li l-effetti tal-mandat bin-numru 406/21 fl-ismijiet sovra citati jieqfu fil-konfront tas-socjetà Harbour Management Limited u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni b'reserva ghad-dritt tal-esponenti ghall-prosegwiment t'azzjoni ghar-risarciment ta' danni jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta ta' Godwin Cutajar u ta' Jeanette Cutajar.

Semgħet lill-partijiet jitrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal digriet in camera.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi dan huwa rikors ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn is-soċjetà rikorrenti qed titlob lill-Qorti tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 406/2021 fl-ismijiet **Godwin Cutajar u Jeanette Cutajar vs Awtorità għat-Trasport f'Malta u Harbour Management Limited**, dan peress illi r-rikorrenti tgħid illi Godwin u Jeanette Cutajar naqsu milli, a tenur tal-artikolu 843 tal-Kap. 12, jagħmlu kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat.

A tenur ta' dan l-artikolu:

> *"(1) Ir-rikorrent għandu jagħmel il-kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat fi żmien għoxrin jum mill-ħruġ tal-mandat*:
>
> ......
>
> *(2) Jekk ir-rikorrent jonqos milli jagħmel il-kawża mingħajr raġuni tajba, l-effetti tal-mandat jieqfu u huwa jkun*

*responsabbli għad-danni u l-imgħaxijiet kollha*."

Mill-atti jirriżulta li permezz tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 406/2021 tas-16 ta' Marzu 2021, Godwin Cutajar u martu Jeanette Cutajar (minn issa 'l quddiem imsejħin 'l-intimati Cutajar') talbu lill-Qorti żżomm lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa 'l-Awtorità intimata') u lil Harbour Management Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'ir-rikorrenti') milli '*tibda x-xogħlijiet stabbiliti permezz tal-Local Notice to Mariners No. 016 tas-sena 2021 ... u kwalunkwe ħaġa oħra direttament konnessa ma' jew anċillari għall-ftehim li seħħ bejn l-intimati, b'mod illegali, rigwardanti l-immaniġġjar tal-Organised Mooring Area and associated fairway for the mooring of small craft fil-post magħruf bħala "Mooring Area in Xemxija" (il-Bajja ta' San Pawl)*' u dan għar-raġunijiet imsemmija fir-rikors tagħhom, senjatament għaliex jgħidu li l-ftehim li seħħ bejn l-Awtorità intimata u r-rikorrenti huwa illegali in kwantu li seħħet transazzjoni bejniethom wara li s-sejħa pubblika għall-offerti ġiet irtirata.

It-talba għall-ħruġ tal-mandat kienet milqugħa minn din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' digriet tas-16 ta' April 2021.

Jirriżulta wkoll li quddiem din il-Qorti kif presjeduta hemm pendenti kawza fl-ismijiet **Godwin Cutajar u Jeanette Cutajar vs Awtorità għat-Trasport f'Malta u Harbour Management Limited għal kull interess li jista' jkollha** (rikors maħluf numru 271/2021). Din hija kawża għal stħarriġ amministrattiv a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12. It-talbiet f'dik il-kawża huma sabiex il-Qorti:

> "*Tiddikjara li l-għemil amministrattiv li wassal għal ftehim ta' transazzjoni u/jew iffirmar tal-kuntratt ta' konċessjoni finali bejn l-intimati rigwardanti s-sejħa pubblika għal proposti għall-immaniġjar u t-tħaddim ta' żoni organizzati ta' berthing u irmiġġ għal yachts fix-Xemxija u s-Salina tat-18 ta' Novembru 2009, sar bi ksur tal-Artikoli 469A(1)(b)(ii) u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Tordna t-tħassir tal-iskrittura datata 12 ta' Novembru 2020 u kull att sussegwenti u/jew anċillari għall-istess rigwardanti l-konċessjoni tas-sejħa pubblika hawn fuq indikata u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."*

Ir-rikorrenti targumenta li t-talbiet fil-kawża 271/2021 huma differenti minn dawk kontemplati fit-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni peress illi:

- Fl-imsemmija kawża r-rikorrenti ġiet mħarrka biss 'għal kull interess li jista' jkollha';

- Il-kawża saret sabiex tattakka għemil amministrattiv tal-Awtorità intimata b'dan illi r-rimedju mitlub jista' jiġi dirett biss lejn l-Awtorità intimata u qatt ma jista' jkun dirett lejha; u

- Il-kawża kellha tindirizza l-jedd imsemmi fil-mandat – l-allegazzjoni li l-konċessjoni ġiet mogħtija b'mod illegali u mhux tattakka l-att amministrattiv.

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12, l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.  L-attur jistitwixxi l-kawża biex jasserixxi l-jedd imsemmi fil-mandat.  Din il-kawża trid tkun allaċjata mal-pretensjonijiet li l-istess attur ikun ivvanta fil-mandat.

Kawża in segwitu ta' mandat ta' inibizzjoni m'għandhiex tkun għall-konferma tal-mandat iżda għal deċiżjoni fuq il-mertu.  Id-dritt ta' kawtela, u ċioè d-dritt proċedurali, mhuwiex id-dritt sostanzjali li jista' jiġi kawtelat (**Innocent Farrugia et vs Godwin Duca et**, provvediment ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-2 ta' Lulju 2008).

Hekk ukoll, fil-każ ta' **Aquilina vs Aquilina noe et**, deċiż mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Novembru 1991, ingħad li:

*"Id-dritt ta' kawtela - cioè id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat.  Dawn*

*huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed ... Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat."*

Hija l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti li l-intimati Cutajar fil-fatt segwew il-mandat ta' inibizzjoni b'kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat u dan skont kif titlob il-liġi tal-proċedura. Il-bażi tal-pretensjonijiet tal-intimati Cutajar huwa l-ftehim li sar bejn l-Awtorità intimata u rikorrenti, li skont huma huwa illegali. Sabiex jattakkaw dan il-ftehim, huma intavolaw kawża għal stħarriġ tal-għemil amministrattiv tal-Awtorità intimata. F'dik il-kawża, il-Qorti sejra allura tistħarreġ jekk il-ftehim in kwistjoni sarx taħt qafas legali. L-intimati Cutajar fil-fatt qed jallegaw illi l-Awtorità intimata '*naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil*' u/jew li l-egħmil amministrattiv huwa kontra l-liġi. Il-Qorti allura ma tifhimx kif ir-rikorrenti tista' tgħid illi l-kawża li saret ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 843(1) tal-Kap. 12.

Dak li twaqqfet milli tagħmel l-Awtorità permezz tal-mandat huma x-xogħlijiet li kien beħsiebha tagħmel skont in-Notice to Mariners 016 tal-2021. Dan għaliex dak li kien ser isir kien konsegwenza tal-ftehim li ffirmaw l-Awtorità intimata u r-rikorrenti, li skont il-konjuġi Cutajar huwa illegali.

Il-fatt illi r-rikorrenti ġiet imħarrka għal kull interess li jista' jkollha f'kawża għal stħarriġ ta' għemil amministrattiv ma jfissirx illi dik il-kawża tkun saret ħażin ai termini tal-artikolu 843 tal-Kap.12. Il-ftehim li ffirmat ir-rikorrenti mal-Awtorità intimata huwa l-bażi tal-jedd li qed jippretendu l-intimati Cutajar, liema jedd kien ukoll il-bażi tal-mandat. Naturalment, ir-rikorrenti kellha tkun parti f'dik il-kawża u kif ukoll fil-proċeduri għall-ħruġ tal-mandat.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-

talba tas-soċjeta rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

IMHALLEF